MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2004

Numru 10/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
Godwin Vella
David Calleja
Anthony Joseph Portelli
Keith Caruana

Il-Qorti,

**Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 10 tas-sena 2002, kontra l-akkuzati Godwin Vella, David Calleja, Anthony Joseph Portelli, Keith Caruana, li bih huma gew akkuzati talli :**

**1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi kmieni fil-lejl ta' l-Hadd, hdax ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed, Godwin Vella, David Calleja u Anthony Joseph Portelli kienu migbura flimkien ma'**

**Keith Caruana fil-pjazza ta' Bugibba sabiex jiccelebraw eghluq snin l-imsemmi Caruana. Hemmhekk kienu diehlin u hiergin minn uhud mill-hwienet tax-xorb, jixorbu w jiffirhu flimkien. Kienu qorbu s-saghtejn ta' filghodu meta Caruana, anke minhabba li kien xorob xi naqra mhux hazin, gie miftiehem li jittiehed lura d-dar minn Portelli u Calleja. Ghalhekk, ilkoll kemm huma dahlu gewwa karozza Opel Tigra sewda misjuqa minn Anthony Joseph Portelli, suldat fil-Forzi Armati ta' Malta. Saqu ghal Triq il-Pagell, il-Qawra, fejn kien joqghod Caruana, u x'hin waslu hemm waqfu l-karozza f'nofs it-triq sakemm dahhlu lil Caruana d-dar tieghu.**

**F'dan il-waqt fl-istess triq giet karozza ohra, Mercedes, misjuqa minn Darren Mallia, akkumpanjat minn Emanuel Farrugia, Stephen u Alfred Cardona u ragel iehor bl-isem ta' Pawlu, liema karozza ma setghetx tkompli tghaddi minn hemm minhabba l-Opel Tigra wieqfa f'nofs ta' triq. Ghalhekk, Darren Mallia daqq il-horn. Fil-pront, David Calleja mar fuqu w saqsieh ghalfejn kien qieghed idoqq il-horn. Inqala argument u agha bejn kulhadd, u f'mument minnhom Anthony Joseph Portelli fetah il-luggage boot tal-karozza tieghu, hareg *baseball bat* ta' kulur kannella, resaq lejn il-karozza l-ohra w beda jhabbat biha fuq is-saqaf u t-tieqa tax-xufier. Mumenti wara, Emanuel Farrugia, li kien passiggier fuq wara tal-Mercedes, fetah il-bieba biex johrog mill-karozza, izda Anthony Joseph Portelli kien pront xejjirlu daqqa ta' lembuba fuq halqu w beda, flimkien ma' David Calleja, itih bl-istess lembuba, bis-sieq kif ukoll bl-idejn. Bhala konsegwenza ta' dawn id-daqqiet, Emanuel Farrugia soffra griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet.**

**B'dan l-agir taghhom, David Calleja w Anthony Joseph Portelli rrendew ruhhom hatja ta' offiza volontarja ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Emanuel Farrugia.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil kull wiehed mill-imsemmija David Calleja w**

**Anthony Joseph Portelli, hatja ta' offiza volontarja ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' haddiehor, u cioe' talli, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew gabulha dizordni f'mohha; b'dan, li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, Anthony Joseph Portelli sar hati wkoll ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.**

**U peress li David Calleja, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tad-29 t'Ottubru, 1992, kien instab hati tad-delitt ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna ta' haddiehor, l-Avukat Generali ukoll addebitah bir-recidiva.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzati skond il-ligi, w illi Anthony Joseph Portelli jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn hames xhur sa' tmintax-il xahar, u David Calleja jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn xahrejn sa' sitt xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 221(1)(2), 141, 49, 50, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigu ddikjarati hatja l-akkuzati.**

**2) u wara li fit-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi hekk kif Emanuel Farrugia kien ghadu kemm sofra l-griehi hfief minhabba l-attakk fuqu da parti ta' David Calleja w Anthony Joseph Portelli gewwa Triq il-Pagell, il-Qawra, nhar il-11 ta' Marzu, 2001, f'daqqa wahda hareg Keith Carunaa mir-residenza tieghu b'zewgt iskieken f'idejh, wahda tal-laham u l-ohra tal-hobz. Fil-pront, Keith Caruana ghajjat ghajta kbira w, bil-hsieb li joqtol lil Emanuel Farrugia jew li jpoggilu hajtu f'periklu car, gera fl-istess direzzjoni ta' Farrugia u beda jaghtih b'wahda mis-skieken u pecizament b'dik tal-hobz, f'zaqqu w f'sidru. Fortunatament, id-destin ried li mal-ewwel daqqa li Caruana pprova jaghti fuq Farrugia, s-sikkina nqasmet. Keith Caruana ma ntebahx li s-sikkina**

**kienet inqasmet, tant li baqa' jaghti bil-manku biss f'idejh, sakemm gie mwaqqaf minn haddiehor.**

**B'dan l-agir tieghu, Keith Caruana rrenda ruhu hati ta' attentat ta' omicidju volontarju.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Keith Caruana hati ta' attentat ta' omicidju volontarju, u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn sitt snin sa' ghoxrin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211, 23, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**3) u wara li fit-Tielet Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi li Keith Caruana kien qieghed jezegwixxi b'atti esterni l-hsieb u l-intenzzjoni tieghu sabiex joqtol lil Emanuel Farrugia, Anthony Joseph Portelli, hekk kif lemah lil Keith Caruana hiereg mir-residenza tieghu armat b'zewgt iskieken f'idu w gej fid-direzzjoni tal-istess Emanuel Farrugia jghajjat li kien sejjer joqtlu, ddecieda li jassisti, jghin u jsahhah dik il-volonta' ta' Caruana li joqtol lil Farrugia. Dana ghamlu billi propju f'dak il-waqt, Anhony Joseph Portelli zamm lil Farrugia minn wara b'mod li ma jkunx jista' jahrab jew joffri xi rezistenza lil Caruana appena dan beda jaghtih bis-sikkina, jew ahjar bil-manku biss tal-istess sikkina li sadanittant kellha x-xafra maqsuma w fl-art.**

**B'dan l-att, ukoll, Anthony Joseph Portelli rrenda ruhu komplici ma' Keith Caruana fid-delitt tat-tentattiv ta' omicidju volontarju.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Anthony Joseph Portelli hati ta' komplicita' f'tentattiv ta' omicidju volontarju, w cioe' talli b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat, u xewwex lil haddiehor inkella sahhah il-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew wieghed li wara l-fatt jassistih, jieqaf mieghu jew jikkumpensah; b'dan, li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, Anthony Joseph Portelli sar hati wkoll ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.**
**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn disgha snin sa' hamsa w ghoxrin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 42(d)(e), 43, 44, 45(b)(c), 46, 41(1)(a), 211, 17(b), 20, 141, 31, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**4) u wara li fir-Raba Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi dejjem nhar il-11 ta' Marzu, 2001, gewwa Triq il-Pagell, il-Qawra, fil-hin li Keith Caruana kien qieghed jezegwixxi l-hsieb tieghu li joqtol lil Emanuel Farrugia, u fil-hin li dana kien qieghed jigi mizmum minn Anthony Joseph Portelli, li allura kien qieghed jagixxi bhala komplici ta' Keith Caruana, Alfred Cardona, li wkoll kien riekeb fil-Mercedes, hareg jigri minnha, mar jigri fuq Keith Caruana u mbuttah b'kemm kellu sahha minn fuq Farrugia, tant li Caruana nstabat mal-hajt ta' parapett. Kif ra hekk, David Calleja qabad jaghti lil Alfred Cardona fejn anke tefghu fl-art u beda jaghtih bis-sieq. Sadanittant rega' gie f'tieghu Keith Caruana li mar jghin lil David Calleja jaggredixxi lil Cardona. Fl-istess waqt ukoll, ghalkemm minn direzzjonijiet opposti, nghaqdu ma' Calleja w Caruana, Anthony Joseph Portelli u Godwin Vella, w l-erba li huma spiccaw jaghtu bis-sieq u bl-idejn fuq il-persuna ta' Alfred Cardona hekk kif dana kien mixhut fl-art. Bhala**

**konsegwenza ta' dan l-attakk kollettiv, Alfred Cardona spicca sabiex soffra griehi ta' natura ferm gravi, fosthom li nqatatlu vina minn mal-kilwa, tbengil fuq il-wicc kif ukoll telf permanenti ta' snien.**

**B'hekk, kull wiehed minn Godwin Vella, David Calleja, Anthony Joseph Portelli w Keith Caruana, rrenda ruhu hati ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna ta' haddiehor.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lil kull wiehed mill-imsemmija Godwin Vella, David Calleja, Anthony Joseph Portelli u Keith Caruana, hatja ta' offiza volontarja ta' natura gravissima fuq il-persuna ta' haddiehor, u cioe' talli, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew gabulha dizordni f'mohha; b'dan, li bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, Anthony Joseph Portelli sar hati wkoll ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.**

**U peress li David Calleja, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tad-29 t'Ottubru, 1992, kien instab hati tad-delitt ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna ta' haddiehor, l-Avukat Generali ukoll addebitah bir-recidiva.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzati skond il-ligi, u illi Anthony Joseph Portelli u David Calleja jigu kkunddannati kull wiehed ghal piena ta' prigunerija minn sena sa' tnax-il sena, mentri kull wiehed minn Godwin Vella u Keith Caruana jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn disa xhur sa' disa snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 218, 17(b), 141, 49, 50, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigu ddikjarati hatja l-akkuzati.**

**5) u wara li fil-Hames Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi sakemm, nhar il-11 ta'**

**Marzu, 2001, gewwa l-Qawra, kienet ghadha ghaddejja l-glieda fic-cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti, l-Pulizija b'xi mod jew iehor lahqet giet infurmata b'dak li kien qed jigri w li kien gara. Ghalhekk, il-Pulizija acceddiet minnufih fuq il-post. Hekk kif waslu sabu lil Keith Caruana ghadu ghaddejj bl-aggressjoni fizika w verbali tieghu. Kif Keith Caruana lemah lill-Pulizija minnufih beda jidghi w joffendihom. Il-Pulizija ovvjament ippruvaw jikkontrollaw is-sitwazzjoni, izda kienu kostretti li fizikament izommu lil Keith Caruana w jipprocedu sabiex jimmanettjawh. Keith Caruana pprova jirrezisti l-arrest tieghu b'kull mod, fiziku w xort'ohra. Hekk kif b'xi mod jew iehor il-Puliziija irnexxilhom idahhluh fil-karozza taghhom, Keith Caruana kompla joffendi lill-Pulizija w sahansitra bezqilhom diversi drabi, w anke ghamel xi hsara lill-vettura tal-Pulizija meta beda jaghmel is-sahha b'saqajh mal-bieba.**

**B'hekk, Keith Caruana irrenda ruhu hati tad-delitt ta' attakk jew rezistenza.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Keith Caruana hati talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 96(a), 17(b), 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**6) u wara li fis-Sitt Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi dejjem fil-hin li l-Pulizija waslu fuq il-post fejn kien ghaddej il-glied nhar il-11 ta' Marzu, 2001, kif deskritt fil-kapi precedenti, David Calleja nstab fuq il-post flimkien mal-ohrajn li kienu**

**nvoluti fl-istess incident. Naturalment, il-Pulizija ghaddew minnufih sabiex jikkontrollaw u jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni. Apparti struzzjonijiet u ordnijiet ohra lil haddiehor, ufficjal partikolari tal-Pulizija, u cioe' s-Surgent 874 Patrick Zammit, f'mument minnhom, bl-iktar mod car u dirett, ordna lil David Calleja sabiex minnufih jibqa' sejjer l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra halli hemmhekk jittiehdulu l-partikolaritajiet u jigi mitkellem mill-Pulizija. Izda David Calleja injora ghal kollox dik l-ordni w minflok baqa' sejjer id-dar minn fejn aktar tard, wara li l-Pulizija ma sabitux fl-Ghassa, kellha taccedi sabiex tarrestah.**

**B'dan in-nuqqas tieghu, David Calleja rrenda ruhu hati tar-reat kontravvenzjonali meta naqas li jobdi ordni legittima.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi David Calleja hati talli ma obdix l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi ikun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun.**

**U peress li David Calleja, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tad-29 t'Ottubru, 1992, kien instab hati tad-delitt ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna ta' haddiehor, l-Avukat Generali ukoll addebitah bir-recidiva.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' ammenda ta' hamsa w ghoxrin Lira Maltin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 338(ee), 17(c), 49, 50, 7(2)(b), 13, 53, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

Rat il-verdett tal-gurati tat-12 ta' Novembru, 2004, li bih:-

1) b' seba (7) voti favur u b' zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat **Godwin Vella** mhux hati tal-akkuza taht ir-raba kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

2) (i) unanimament sabu lil **David Calleja** mhux hati tal-akkuza taht l-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;
(ii) b'sitt (6) voti favur u bi tlitt (3) voti kontra sabu lil **David Calleja** mhux hati tal-akkuza taht ir-raba' kap tal-Att tal-Akkuza , izda hati li kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alfred Cardona; u

(iii) unanimament sabu lil **David Calleja** mhux hati tas-sitt kap tal-Att tal-Akkuza.

3) (i) li bih b' sitt (6) voti favur u bi tlitt (3) voti kontra sabu lil **Anthony Joseph Portelli** hati tal-akkuza taht l-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, minghajr pero' c-cirkostanza aggravanti li bhala ufficjal pubbliku , sar hati ukoll ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minnhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi ;

(ii) b' seba (7) voti favur u b' zewg (2) voti kontra sabu lil **Anthony Joseph Portelli** mhux hati tat-tielet kap ta' l-Att tal-Akkuza;

(iii) b' sitt (6) voti favur u bi tlitt (3) voti kontra sabu lil **Anthony Joseph Portelli** mhux hati tal-akkuza taht ir-raba' kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, izda hati li ha parti fi glieda accidentali kontra Alfred Cardona li fiha l-istess Alfred Cardona sofra ferita ta' natura gravissima;

4) (i) b' sitt (6) voti favur u bi tlitt (3) voti kontra sabu lil **Keith Caruana** mhux hati tal-akkuza skond it-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, izda hati li kkaguna offiza ta' natura hafifa bi strument li jaqta' jew li jniggez;

(ii) unanimament sabu lil **Keith Caruana** mhux hati tal-akkuza taht ir-raba’ kap. ta’ l-Att ta’ l-Akkuza;

(iii) b’ sebgha (7) voti favur u b’ zewg (2) voti kontra sabu lil **Keith Caruana** hati tal-akkuza taht il-hames kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza;

Rat il-verdett ulterjuri tal-gurati tal-istess data li bih unanimament iddikjaraw li ghall-fini tar-raba’ kap **David Calleja** huwa recidiv peress illi b’ sentenza tal-Qorti Kriminali tad-29 t’ Ottubru, 1992, kien instab hati tad-delitt ta’ offiza gravi volontarja fuq il-persuna ta’ haddiehor;

Rat id-decizjoni taghha tat-12 ta’ Novembru, 2004 li biha, wara li rat l-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali w l-verdett tal-gurati ta’ nuqqas ta’ htija tar-raba w l-uniku kap tal-att tal-akkuza fil-konfront tal-akkuzat **Godwin Vella**, ddikjaratu mehlus u ordnat li jigi liberat minnufieh dak in-nhar stess.

Tiddikjara lil **David Calleja** mhux hati tal-ewwel u tas-sitta kap tal-att tal-akkuza kif ukoll mhux hati tal-akkuza taht ir-raba’ kap tal-att tal-akkuza, izda hati li fil-11 ta’ Marzu, 2001, ghall-habta tas-saghtejn ta’ filghodu (2 a.m.) go Triq il-Pagell, il-Qawra, kkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna t’ Alfred Caruana, b’dana ukoll li huwa recidiv peress illi b’sentenza tal-Qorti Kriminali tad-29 t’ Ottubru, 1992 , kien instab hati tad-delitt ta’ offiza gravi volontarja fuq il-persuna ta’ haddiehor

Tiddikjara lil **Anthony Joseph Portelli** mhux hati tat-tielet kap tal-Att tal-Akkuza , hati tal-akkuza taht l-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza w cioe’ li fil-11 ta’ Marzu, 2001, ghall-habta tas-saghtejn ta’ filghodu (2 a.m.) go Triq il-Pagell, il-Qawra, kkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Emmanuel sive Leli Farrugia, minghajr pero’ c-cirkostanza aggravanti li bhala ufficjal pubbliku , sar hati ukoll ta’ reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi u mhux hati tal-akkuza taht ir-raba’ kap tal-att tal-akkuza , izda hati talli fl-istess post, data w hin , ha parti attiva fi glieda accidentali kontra Alfred Cardona li fiha l-istess Alfred Cardona sofra ferita ta’ natura gravissima.

Tiddikjara lil **Keith Caruana** mhux hati tar-raba' kap tal-Att tal-Akkuza , mhux hati skond it-tieni kap tal-Att tal-Akkuza izda hati li fil-11 ta' Marzu, 2001, ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu (2 a.m.) go Triq il-Pagell, Qawra, kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Emmanuel sive Leli Farrugia bi strument li jaqta' jew iniggez, kif ukoll hati tal-hames kap tal-Att tal-Akkuza u cioe li fl-istess post , data w hin ,attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb , ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika , kontra persuna nkarigata minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena fis-seduti tat-12 u tal-15 ta' Novembru, 2004 ;

Semghet ix-xhieda ta' Alexander u Ruth Caruana , genituri tal-hati Keith Caruana ghall-fini tal- piena. Dawn esebew certifikati medici ta'binhom u spjegaw li kemm hu kif ukoll huh baqghu jsofru minn inkapacita' permanenti wara zewg incidenti awtomobilistici separati;

**Rat il-fedini penali aggornati esebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Ikkonsidrat**

**Qieset mill-banda l-wahda is-sottomissjonijiet <u>kollha</u> tad-difiza tal-hati** David Calleja **li jinsabu kollha registrati u senjatament <u>imma mhux biss</u> is-segwenti w cioe' li r-reat li tieghu nstab hati Calleja hu punibbli jew b'multa jew b' piena karcerarja li l-massimu taghha hu ta' tlitt xhur skond l-artikolu 221 (1) tal-Kap.9 , piena li minnhabba r-recidiva tista', fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tizdied bi grad skond l-artikolu 50 tal-Kap.9. Li f' dan il-kaz il-verdett kien l-inqas wiehed possibbli ta' sitt (6) bi tlieta (3) ; li kienu ghaddew kwazi l-ghaxar snin bejn il-kundanna li kellu Calleja fid-29 t' Ottubru, 1992, meta gie kommess ir-reat odjern ghall-fini tar-recidiva w li llum ghaddew kwazi sittax il-sena mill-kommissjoni ta' dak ir-reat fil-**

**1988; li hu kien ikkommetta biss xi ftit reati ohra fil-frattemp; li hu kien ukoll sofra griehi f' dan l-incident. Ghalhekk kellu jigi kundannat biss ghall multa.**

**Qieset ukoll is-sottomissjonijiet** **<u>kollha</u>** **tad-difiza tal-hati** Anthony Joseph Portelli **li jinsabu kollha registrati u senjatament** **<u>imma mhux biss</u>** **is-segwenti w cioe' li f' dan il-kaz il-verdett kien l-inqas wiehed possibbli ta' sitt (6) bi tlieta (3) fiz-zewg reati li nstab hati taghhom; li Portelli ma kienx persuna kriminali, kellu biss xi kontravvenzjoni tat-traffiku fil-kondotta, kellu impieg ta' suldat u ommu kienet qed issofri minn marda terminali; Li l-Qorti tal-Magistrati kienet ghamlet rimarki dwar il-mod kif tmexxa dan il-kaz ; li hu sawwat kif ukoll issawwat waqt l-incident . Li l-piena massima ghall-htija tal-offiza in rissa f' dan il-kaz kienet ta' mhux izjed minn sena prigunerija skond l-artikolu 237 (b) . Ghalhekk kien il-kaz li jigi kundannat ghall-multa jew sentenza sospiza.**

**Qieset ukoll is-sottomissjonijiet** **<u>kollha</u>** **tad-difiza tal-hati** Keith Caruana **li jinsabu kollha registrati u senjatament** **<u>imma mhux biss</u>** **is-segwenti w cioe' li f' dan il-kaz il-verdett kien l-inqas wiehed possibbli ta' sitta (6) bi tlieta (3) fil-kaz tal-offiza ta' natura hafifa bi strument li jaqta' jew iniggez u ta' seba bi tnejn fil-kaz tal-attakk u rezistenza. Li Caruana ukoll sofra diversi griehi konsiderevoli waqt l-incident u li kien hemm diskriminazzjoni bil-mod kif kien investigat u prosegwit dan il-kaz; li Caruana kien b'rizultat t'incident awtomobilistiku garrab 35% inkapacita mentali ; li l-piena massima ghaz-zewg reati bil-konkors tal-pieni kienet dik ta' tmintax il-xahar prigunerija . Li ghalhekk ma kienx sew li hu jintbaghat il-habs.**

Semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur u senjatament li fil-waqt li hu kien jaqbel mall-parametri tal-piena applikabbli fil-kaz ta' kull wiehed mit-tlitt hatja , sostna li l-pieni ghandhom ukoll iservu ta' deterrent ghal min jonqos milli josserva l-buon ordni . Dawn l-incidenti ta' vjolenza fit-toroq kienu haga serja w kienu qed jirrikorru ta'

spiss u ghalhekk kellu jintbaghat messagg car lis-socjeta' li m'ghandhomx jigu tollerati ;

**Ikkonsidrat,**

**Illi bil-verdett rispettiv taghhom fil-konfront tal-hatja Portelli u Caruana, l-gurati accettaw il-fatt li b' dak li fih ippartecipa Portelli, Cardona kien garrab griehi gravissimi w li kien intuza strument li jaqta' w jniggez meta l-hati Caruana fera' lill Farrugia , sija pure b'mod hafif . Illi Caruana lanqas ma seta' jitrazzan meta waslu l-Pulizija fuq il-post u kellha tintuza certa forza mill-membri tal-forza tal-ordni biex jikkontrollawh ghax hu beda jattakkhom jew jirrezistihom. Inoltre Portelli gie misjub hati tal-ferita hafifa fuq Farrugia, li skond ir-rizultanzi tidher li kienet l-ewwel att ta' vjolenza li beda l-incident kollu. Jinghid ukoll li r-reat ta' attakk u rezistenza tal-forzi tal-ordni – reat li donnu kull ma jmur qed isir aktar komuni – hu minnu nnifsu ukoll reat serju w l-Pulizija ghandha ukoll issib il-protezzjoni tal-Qrati meta tigi hekk attakkata jew rezistita fil-qadi ta' dmirijietha.**

**Illi s-sottomissjonijiet li saru dwar l-ghadd ta' voti fil-verdett fil-kazijiet fejn il-gurati jkunu rriskontraw l-inqas htija possibbli minn xi erba jew hames alternattivi possibbli mhux necessarjament ireggu ghaliex hu ovvjament possibbli li l-gurati li jkunu fil-minoranza jkunu vvutaw hekk proprju ghax ma jkunux qablu li l-akkuzat kellu jinstab hati biss ta' htija inqas gravi ghax huma jkunu persuazi li kellha tirrizulta htija aktar gravi minn dik li tkun qed taqbel fuqha l-maggoranza tal-gurati. F' dan il-kaz din il-possibilita' zgur li tezisti fil-kaz tal-htija ta' David Calleja u Anthony Joseph Portelli skond ir-raba' kap u tal-htija ta' Keith Caruana skond it-tieni kap. Umbaghad il-htija ta' Caruana skond il-hames kap ma hix bil-minimu tal-voti imma b'verdett ta' seba bi tnejn.**

Illi dwar is-sottomissjoni tad-difiza ta' xi diskriminazzjoni , apparti li din ma rrizultat bl-ebda mod lil din il-Qorti , l-hatja kellhom diversi rimedji ohra biex jindirizzaw din il-lanjanza

kieku riedu izda jidher li sal-lum - aktar minn tlitt snin u tmin xhur wara - baqghu ma hadu ebda passi fir-rigward. L-istess din il-Qorti mhux marbuta li tikkondividi l-kummenti li setghu saru mill-Qorti tal-Magistrati fil-bidu tal-kumpilazzjoni qabel ma kienet ghadha biss bdiet tisma' l-provi .

**Illi mill-ezami tal-fedina penali tal-hati** David Calleja**, jirrizulta li ilu jikser difrejh mal-ligi sa mill-1982 meta nstab hati ta' ksur tal-buon ordni . Dik id-darba gie ammonit . Fil-1985 instab hati b' reat kontinwat ta' diversi serqiet aggravati , hsarat volontarji sewqan ta' vettura minghajr il-kunsens ta' sidha w sewqan bla licenzja . Il-Qorti kienet tatu cans u poggietu taht probation ghal tlitt snin. Milli jidher din l-opportunita' li tatu l-Qorti ma swiet ghal xejn ghaliex tmin xhur wara li kien ghadda dal-periodu ta' tlitt snin, ikkommetta delitt mill-aktar serju meta fil-25 ta' Settembru, 1988 , ikkaguna ferita ta' natura gravi segwita bil-mewt fuq il-persuna ta' mara b'arma tan-nar li hu kien qed izomm bla licenzja . Kien gie kundannat minn din il-Qorti diversament preseduta ghal seba snin u sitt xhur prigunerija w llum hu recidiv in forza ta' dik is-sentenza. Kien ukoll instab hati ta' reati ohra ta' sewqan bla licenzja w insurance , ta' ksur tal-buon ordni, theddid ta' Spettur tal-Pulizija w ta' nies ohra inkarigati minn servizz pubbliku waqt il-qadi tas-servizz, theddid ta' diversi nies ohra kif ukoll hsarat ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta .Sahansitra waqt il-pendenza tal-proceduri odjerni rega instab hati fuq sewqan taht l-influwenza ta' alcohol w mmultat LM200 u darb ohra fuq xi reat iehor sia pure minuri.**

**Illi in vista tar-recidiva, din il-Qorti hija assolutament prekluza milli tapplika xi forma ta' sentenza sospiza a tenur tal-artikolu 28A (7) (b) fil-kaz tal-hati Calleja.**

Illi l-hati **Portelli,** apparti l-htija ta' ferita hafifa, gie misjub ukoll hati tal-offiza in rissa fejn Alfred Cardona sofra feriti gravissimi. Fil-kondotta ghandu kundanna ghal sewqan perikoluz u li qabez ic-central stip u kundanna ohra ta'

danni volontarji , kliem oxxen u dagha u ksur tal-mistrieh tan-nies.
Fiz-zewg kundanni hu gie liberat b'kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar u tlitt xhur rispettivament.

**Il-hati** Caruana **kien diga' habat difrejh mal-ligi fil-1995 meta kien instab fil-pussess tad-droga eroina w kokaina w tal-pjanta cannabis u LSD u meta instab hati ta' dan fil-1996 kien gie liberat b'kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena' . Pero' f'inqas minn hames xhur wara dis-sentenza, hu rega kiser il-ligi b'sewqan bla licenzja u bla insurance u gie kundannat multa ta' LM250. Kellu ukoll kundanna ohra li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija w xi infrazzjoni tal-ligi tal-VAT. Fil-mori ta' dan il-process umbaghad rega' gie misjub hati ta' pussess tar-raza tal-cannabis u li sar recidiv u rega gie liberat b'kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmin xhur , u dana ghal reat kommess wara l-incident awtomobilistiku li ssemma mix-xhieda aktar il fuq u li kien gara f' Lulju, 1996. Fatt dan li juri li la l-opportunitajiet li kien inghata mill-Qrati u lanqas it-trawma tal-incident awtomobilistiku ma kienu razznu l-propensita' kriminali tieghu.**

**Illi Kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta fil-kawza** "Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi" **[30.7.2004] : -**
***"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija <u>b' effett immedjat</u> . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika ."***

**Illi dan il-principju rega' gie ribadit recentement mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Kollegjali) fis-sentenza taghha : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici**" [11.11.2004] fejn gie ritenut li :-**

*"Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali ; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibghatu messagg car …..li l-vjolenza fizika ghandha , bhala regola generali , dejjem iggib maghha il-piena ta' prigunerija b'effett immedjat."*

Ghal dawn il-motivi :-

**1. wara li rat l-artikoli 221 (1), 31(1) (b)(xiii) u (xiv) u (f),49,50,u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati** David Calleja**, recidiv , ghall-piena ta' tlitt xhur prigunerija w tordnalu li jhallas terz (1/3) mill-ispejjez totali tal-perizji f' dan il-process ammontanti ghal LM75 u cioe' hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25).**

**2. wara li rat l-artikoli 221 (1),218, 237(b),17(b) u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil hati** Anthony Joseph Portelli **ghall-piena ta' tmin xhur prigunerija w tordnalu li jhallas terz (1/3) mill-ispejjez totali tal-perizji f' dan il-process ammontanti ghal LM75 u cioe' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25).**

**3. wara li rat l-artikoli 96 (a), 221(2), 217,17 (b) u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati** Keith Caruana **ghal sena prigunerija w tordnalu li jhallas terz (1/3) mill-ispejjez totali tal-perizji f' dan il-process ammontanti ghal LM75 u cioe' hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25).**

**Finalment il-Qorti tordna l-konfiska ta' l-esebiti favur il-Gvern ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------